# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 12/2025 BS**

**Agostino sive Austin Sciberras**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] illi premetta;**

1. *Illi l-esponenti twieled fix-Xaghra, Ghawdex, fid-19 ta' Awwissu, 1945, kif jidher mill-estratt tat-twelid tieghu, hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';*

2. *Illi fl-att tat-twelid tal-esponenti, kunjomu gie indikat bhala "Agostino Xiberras", liema kunjom kien rispekkjat ukoll fl-att taz-zwieg tieghu ma' Maria Concetta Sciberras nee' Galea;*

[1] Rik. Ġur. A fol 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 sa 11.

3. *Illi miz-zwieg tieghu ma' Maria Concetta Sciberras, il-kopja tal-karta tal-identita' ta' liema qieghda tigi hawn annessa bhala Dokument 'B', l-esponenti kellu zewg ulied, cioe' Victoria, li twieldet fl-10 ta' Mejju, 1973, skont kif jirrizulta mill-att tat-twelid bin-numru 145/1973, hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'C', u Michael, li twieled fl-24 ta' Gunju, 1977, skont kif jirrizulta mill-att tat-twelid numru 173/1977, hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'D', fuq liema atti, kunjom l-esponenti qieghed indikat bhala 'Sciberras', kif hekk ukoll indikat kunjom martu, u kunjom l-imsemmija zewg ulied;*

4. *Illi l-esponenti minn dejjem kien jaghmel użu mill-kunjom Sciberras u tant huwa hekk li kunjom fuq il-karta tal-identita' tiegħu (kopja mmarkata bħala Dok. E); fuq il-Liċenzja tas-Sewqan tiegħu (kopja mmarkata bħala Dok. F); u fuq il-KartAnzjan tiegħu (kopja mmarkata bħala Dok. G) huwa dejjem miktub Sciberras;*

5. *Illi għalhekk jissussistu raġunijiet validi kif kontemplati fl-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tintalab korrezzjoni fl-att tat-twelid numru sitt mija u erbgha u hamsin tas-sena elf, disa' mija u hamsa u erbghin (654/1945) u fl-att taz-żwieġ numru mija u hamsa u ghoxrin tas-sena elf, (125/1972), b'tali mod li kunjomu jiġi dejjem indikat bħala 'Sciberras';*

6. *Illi għalhekk l-esponenti kellu jipproċedi b'din il-kawża;*

7. *Illi dawn il-fatti qed jiġu dikjarati minn Agostino sive Austin Sciberras, li għandu konoxxenza vera u propja tagħhom.*

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *Tiddikjara li kunjom l-esponenti kif indikat fuq l-att tat-twelid numru numru sitt mija u erbgha u hamsin tas-sena elf, disa' mija u hamsa u erbghin (654/1945) ma jirriflettix il-kunjom li bih huwa verament maghruf l-esponenti, kif ukoll dak minnu uniformament uzat, fis-sens kif fuq spjegat;*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) sabiex iwettaq il-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru numru sitt mija u erbgha u hamsin*

*tas-sena elf, disa' mija u hamsa u erbghin (654/1945) b'mod illi minflok "Xiberras" jiġi miktub "Sciberras";*

3. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) sabiex din il korrezzjoni, ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi riflessa wkoll f'kull Att tal-istat ċivili tiegħu, b'mod partikolari fl-att ta' żwieġ numru mija u hamsa u ghoxrin tas-sena elf, disa' mija u tnejn u sebghin (125/1972), b'dan illi l-esponenti ghandu dejjem jiġi indikat bil kunjom ta' "Sciberras" u dan ai termini tal-Artikolu 253(3) tal Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Dan taħt dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa għas-subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex[2] illi eċċepixxa:**

1. *Illi in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi bla preġudizzju, l-esponenti jirrileva illi l-ebda talba tar-rikorrent ma tista tiġi milqugħa, stante li r-rikorrenti ma jistgħax jitlob għall-korrezzjoni u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid u tal-Att taż-Żwieġ tar-rikorrent Agustine Xiberras kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Illi infatti l-att tat-twelid tiegħu jirrifletti u sar a bażi taċ-ċertifikati preċedenti tal-familja tiegħu, ċjoe':*

    i. *A bażi taċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti Michele Xiberras bin-numru mitejn tlieta u sebgħin tas-sena elf tmien mija u tmienja u disgħin (273/1898) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP1'); u*

    ii. *A bażi taċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' missier tar-rikorrenti, ċjoe' ta' Michele Xiberras u Vittoria nee' Sultana bin-numru wieħed u ħamsin*

[2] Risposta a fol 22 sa 25.

*tas-sena elf disa' mija u tnejn u għoxrin (51/1922) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP2'); u*

iii. *A bażi taċ-ċertifikat tat-twelid tan-nannu tar-rikorrenti Liberato Xiberras bin-numru ħames mija u tmienja u sebgħin tas-sena elf tmien mija u ħamsa u sittin (578/1865) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP3'); u*

*Li joħroġ biċ-ċar li l-kunjom tal-famija kien Xiberras.*

3. *Illi ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, isegwi li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat ċivili skond id-dettami ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti msejsin kif inhuma fuq il-korrezzjoni ma jistgħux jiġu milqugħa;*

4. *Illi madanakollu, bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jista' jitlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tiegħu jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jiġi rilevat stante li l-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-fakolta sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa b'isem ieħor, u mhux b'kunjom ieħor. Illi l-esponenti itenni illi r-rikorrenti intavola l-azzjoni tiegħu sabiex ibiddel il-kunjom tiegħu u mhux ismu minn fuq l-Att tat-twelid u anke minn fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu meta dan is-sub-artikolu (2) huwa limitat biss għal bdil fl-atti tat-twelid;*

5. *In oltre ta' min jinnota li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa Augustine u mhux Agostino sive Austin. Illi kien il-missier, Michele Xiberras li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ta' ibnu u li ddikjara kif huwa għandu jiġi msejjaħ. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid iddettaljat, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkat Dokument A;*

6. *Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċjenti f'għajnejn il-liġi;*

7. *Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża stanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat promotur konsistenti fis-segwenti: [**i**] kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur numru 654/1945;[3] [**ii**] kopja tal-karta tal-identita' tal-attur numru 0065445G;[4] [**iii**] kopja tal-liċenzja tas-sewqan tal-attur;[5] [**iv**] kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-attur ma martu Marija Galea numru 125/1972,[6] u; [**v**] kopja taċ-ċertifikati tat-twelid ta' ulied l-attur numri 145/1973 u 173/1977.[7]

**Rat** id-dokumenti eżebiti mar-risposta ġuramentata tal-konvenut li jikkonsistu fis-segwenti: [**i**] ċertifikat tat-twelid ta' missier l-attur, Michele, li jġib in-numru 273/1898;[8] [**ii**] ċertifikat taż-żwieġ tal-ġenituri tal-attur li jġib in-numru 51/1922,[9] u; [**iii**] ċertifikat ta-twelid tan-nannu aptern tal-attur, Liberato, li jġib in-numru 578/1865;[10]

**Rat** in-nota tal-attur tas-27 ta' Frar, 2025 li biha eżebixxa sensiela ta' dokumenti nkluż [**i**] *logbook* ta' vettura tal-għamla *Volkswagen* irreġistrata fuq ismu fejn ismu jidher bħala Agostino sive Austin Sciberras;[11] [**ii**] varji dokumenti relattivi għal iben l-attur, Michael Sciberras, fejn kunjomu jidher bħala "Sciberras";[12] [**iii**] varji dokumenti relattivi għal bint l-attur, Victoria Sciberras, fejn kunjomha jidher bħala "Sciberras";[13] [**iv**] kopja tal-"KartAnzjan" tal-attur;[14] [**v**] dokumenti ulterjuri relattivi għall-attur fejn kunjomu drabi jidher bħala "Sciberras" u drabi bħala "Xiberras";[15] [**vi**]

[3] Ċertifikat a fol 5, estratt a fol 8.
[4] Karta tal-identita' a fol 6.
[5] Liċenzja a fol 7.
[6] Ċertifikat a fol 9.
[7] Ċertifikati a fol 10 u 11.
[8] Ċertifikat a fol 26.
[9] Ċertifikat a fol 27.
[10] Ċertifikat a fol 28.
[11] *Logbook* a fol 32
[12] Dokumenti a fol 38 sa 64.
[13] Dokumenti a fol 65 sa 88.
[14] Dokument a fol 89.
[15] Dokumenti a fol 90 sa 101, oħrajn a fol 123 sa 138.

dokumenti relattivi għall-mart l-attur, Maria Koncetta, fejn kunjomha jidher bħala "Sciberras";[16] [**vii**] dokumenti relattivi għal-kopja Maria Koncetta u Agostino bħala konjuġi fejn kunjomhom jidher bħala "Sciberras".[17]

**Rat** li fl-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2025 il-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu stante li l-prova li seħħet id-debita pubblikazzjoni tinsab in atti.[18]

**Rat** ir-rikors tal-attur tat-18 ta' Marzu, 2025 li bih talab iż-żieda ta' talba oħra mat-talbiet kontenuti fir-rikors ġuramentat tiegħu.[19]

**Rat** li b'risposta tad-9 ta' April, 2025 il-konvenut ma' opponiex għat-talba tal-attur kif kontenuta fir-rikors tiegħu tat-18 ta' Marzu, 2025 iżda rrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti.[20]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' April, 2025 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista' tiġi differita għas-sentenza b'dan ġiet għal tali għan iddifferita għal-llum.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Michael Sciberras**, iben l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[21]

Jiddikjara li sa kemm ilu jiftakar hu, u kemm ilu li beda jikteb ismu, kunjomhu dejjem kitbu bħala "Sciberras". Iżid li l-istess huwa ndikat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u dejjem hekk tniżżel fuq id-dokumenti uffiċjali tiegħu, ċertifikati skolastiċi, u ċertifikati tas-sagramenti nkluż dak taż-żwieġ.

[16] Dokumenti a fol 102 sa 118.
[17] Dokumenti a fol 119 sa 122.
[18] Verbal a fol 139, prova tal-pubbliakzzjoni relattiva a fol 20 u 21.
[19] Rikors a fol 140 u 141.
[20] Risposta a fol 143.
[21] Affidavit a fol 34.

Iżid li uliedu wkoll huma rreġistrati bil-kunjom "Sciberras".

**Victoria Sciberras**, bint l-attur, xehdet permezz ta' affidavit.[22]

Tiddikjara li sa kemm ilha tiftakar hi, u kemm ilha li bdiet tikteb isimha, kunjomha dejjem kitbitu bħala "Sciberras". Iżżid li l-istess huwa ndikat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u dejjem hekk tniżżel fuq id-dokumenti uffiċjali tagħha, ċertifikati skolastiċi, u ċertifikati tas-sagramenti nkluż dak taż-żwieġ.

**Maria Koncetta sive Maria Concetta Sciberras**, mart l-attur, xehdet permezz ta' affidavit.[23]

Tiddikjara li hija ilha miżżewġa lill-attur tnejn u ħamsin (52) sena u sa minn dakinhar taż-żwieġ dejjem kitbet kunjomha bħala "Sciberras" mhux "Xiberras".

Tirreferi għal dokumenti li tgħid li teżebixxi in atti. Iżżid li tali dokumenti jixhdu li hija dejjem kienet magħrufa bil-kunjom "Sciberras" u dan inkluż mill-awtoritajiet tal-pajjiż, banek, u sptarijiet. Tgħid li kunjomha qiegħed hekk ukoll indikat f'kull att pubbliku li qatt dehret fuqu.

Tgħid li meta hi u żewġha kellhom it-tfal, ċioe' lill Michael u lill Victoria, huma rreġistrawhom bil-kunjom "Sciberras" kif jixhdu d-dokumenti tagħhom.

**Agostino sive Austin Sciberras**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[24]

Jiddikjara li huwa għandu tmenin (80) sena u minn dejjem kiteb kunjomu bħala "Sciberras" u mhux "Xiberras". Iżid li hekk huwa wkoll magħruf fuq kull dokument uffiċjali, dokumenti bankarji, u atti pubbliċi li qatt deher fuqhom.

---

[22] Affidavit a fol 35.
[23] Affidavit a fol 36.
[24] Affidavit a fol 37.

Jgħid li kien biss reċentement, meta mar iġedded il-karta tal-identita' tiegħu, li ġie mgħarraf li kien hemm diskordanza bejn kif jikteb kunjomu u kif kunjomu huwa rreġistrat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.

Iżid li din il-kawża m'għamilix b'kapriċċ iżda għaliex għalih huwa essenzjali għat-tiġdid tal-karta tal-identita' tiegħu.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza l-attur, wara li ppremetta li huwa min dejjem uża u kiteb kunjomu bħala "Sciberras" u mhux "Xiberras"; li tali kunjom jidher ukoll fuq kull att u dokument uffiċjali tiegħu u bih dejjem ukoll deher fuq atti pubbliċi; u li b'tali kunjom irreġistra wkoll liż-żewġ uliedu Michael u Victoria; talab ordni sabiex kunjomu kif jidher fuq l-att tat-twelid tiegħu numru 654/1945 u kull att ta' stat ċivili relattiv għalih – inkluż l-att taż-żwieġ tiegħu ma' martu Maria Concetta numru 125/1972 – jiġi korrett minn "Xiberras" għal "Sciberras".

Id-direttur konvenut laqa' għal dan billi eċċepixxa li t-talba attriċi ma' tistax tintlaqa stante li ma sar ebda żball da parti tiegħu fil-konfront tal-attur. Żid jeċċepixxi li l-kunjom tal-attur "Xiberras" jirriżulta mill-arblu ġenealoġiku tiegħu; li l-attur talab korrezzjoni fil-kunjom, mhux fl-isem, bil-liġi tippermetti biss korrezzjoni fl-isem; li anke l-isem "Agostino sive Austin" kif jidher utilizzat mill-attur huwa nkorret stante li fuq l-atti opportuni l-attur huwa rreġistrat bħala "Augustine"; u li, fil-mertu; qabel din il-Qorti tista' tagħti deċiżjoni dwar it-talbiet atturi, iridu jitressqu l-provi opportuni u sodisfaċjenti skond il-liġi.

Oltre dan, b'eċċezzjoni preliminari tiegħu d-direttur konvenut ssolleva n-neċessita' tad-debita pubblikazzjoni tat-talbiet atturi fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta. Din l-eċċezzjoni ġiet debitament irtirata mill-konvenut fl-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2025 stante li l-prova li seħħet il-pubblikazzjoni tinsab in atti.[25]

[25] Verbal a fol 139, prova tal-pubblikazzjoni relattiva a fol 20 u 21.

B'rikors ulterjuri tiegħu,[26] l-attur żid talba addizzjonali għal ordni sabiex id-direttur konvenut iwettaq ukoll korrezzjoni fl-att taż-żwieġ numru 125/1972 u l-att tat-twelid ta' iben l-attur Michael numru 173/1977 billi fejn isem l-attur jidher bħala "Wistin" jew "Austin" jiġi minflok jaqra "Augustine" u jekk permissibbli bħala "Augustine *known as* Austin"; b'tali korrezzjoni tiġi wkoll riflessa f'kull att tal-istat ċivili tiegħu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-azzjoni odjerna hija msejsa fuq id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta u speċifikatament fuq il-proviżjoni tas-subinċiż tnejn (2) tal-istess artikolu li jipprovdi kif isegwi:

> **253.**
> **[...]**
> *(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa.*

Tali subinċiż jitkellem speċifikatament fuq talba għar-reġistrazzjoni ta' *"isem jew ismijiet"* mingħajr ma' jittratta wkoll il-kunjom.

Dwar jekk il-kelma "isem" tikkomprendix fiha wkoll il-kunjom, din il-Qorti, tagħmel referenza ampja għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kkonfermata fl-appell nhar is-16 ta' Diċembru, 2003 fl-ismijiet ***Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** fejn ġie ritenut:

> *Illi minn punto di vista ta' ligi, l-attur jissottometti illi l-kelma "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap. 16 jinkludi kunjom. Di fatti huwa jigbed argument mis-subartiklu (3) fejn jinghad li kull bdil akkordat fl-isem ghandu jigi rifless f'kull att ta' stat civili mhux biss tal-persuna koncernata izda wkoll ta' l-ulied u dixxendenti ta' dik il-persuna. Dan is-subartiklu, jissottometti l-*

[26] Rikors a fol 140 u 141.

*attur, jista' jaghmel sens biss jekk wiehed jifhem il-bdil ta' "isem" bhala li jinkludi "kunjom", u dan billi l-ewwel isem ta' persuna ma jitnizzilx fl-atti tal-istat civili ta' dixxendenti ulterjuri mit-tfal, izda huwa biss il-kunjom li jitnizzel.*

*Il-konvenut wiegeb li r-riferenza ghal dixxendenti ulterjuri fl-Art. 253.3 hija lapsus. Kieku l-legislatur ried jinkludi l-"kunjom" kien jghidha, kif jaghmel f'artikli ohrajn fl-istess kodici, per ezempju fl-Artiklu 4(1).*

*Ghal dik li hija intenzjoni tal-legislatur, l-attur irrileva li lingwistikament "isem" jista' jintuza kemm bhala l-ewwel isem jew bhala komprendenti kemm l-isem kif ukoll il-kunjom.*

*Il-konvenut wiegeb li d-dibattiti parlamentari – parti mill-hekk imsejha "travaux preparatoires" – li jirreferu ghat-tqeghid fis-sehh b'att tal-Parlament ta' din il-parti mil-ligi civili, kif espressa mill-allura Ministru tal-Gustizzja li ppilotaha, kienet turi li l-hsieb warajha kien li taghmilha possibbli li ssir korrezzjoni tal-isem u mhux pero' bdil fil-kunjom.*

*L-attur iccita xi sentenzi in sostenn tal-argumenti tieghu u cjoe' "John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 1994, Dr. Mario Rizzo maghruf bhala Dr. Mario Rizzo Naudi M.D. vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, Qorti tal-Appell, 20 ta' Jannar 1986 u "Alfred Magro pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku", Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' April, 1987.*

*Il-konvenut, filwaqt li spjega l-ghala s-sentenzi surreferiti ma jiggjovawx u ma jsahhux is-sottomissjonijiet attrici, irrefera ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet: "Antonio Farrugia vs Louis Demajo", Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Frar 1955 u partikolarment imbaghad ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Marzu 1971 fil-kawza "Karmnu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku" u "Joseph Cutajar vs Dr. J. Scicluna noe", Qorti ta' l-Appell deciza fl-14 ta' Frar 1947.*

*Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap. 12 – ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna – kien u hu biss ghall-fini tal-precitat artiklu 253 cirkoskritt ghal dak li bl-ingliz jissejjah "first name" jew "name to be called" – a differenza ta' dak li hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhal f'ilsna ohra, tinzamm*

*differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero' din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita' li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul" ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annotata. Pero' mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom ammenoke' ma jkunx hemm zball.*

*Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro" minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat.*

Bl-istanza odjerna l-attur talab ordni għal-korrezzjoni kemm ta' kunjomu kif ukoll – aktar 'il quddiem – ta' ismu. It-talba għall-korrezzjoni fl-isem saret biss rigward żewġ atti partikolari. Minkejja dan l-attur żid jitlob sabiex tali korrezzjoni fl-isem tkun ukoll riflessa f'kull att tal-istat ċivili tiegħu

***Dwar it-talba attriċi għall-korrezzjoni fil-kunjom:***

L-attur talab sabiex isseħħ korrezzjoni fil-kunjom kif jidher irreġistrat fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu bin-numru progressiv 654 tas-sena 1945[27] u kif ġie anke rispekkjat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tiegħu bin-numru progressiv 125 tal-1972[28] fis-sens li jrid li l-kunjom ikun jaqra "Sciberras" minflok "Xiberras" billi jgħid li huwa bħalissa - u ilu hekk magħruf bil-kunjom "Sciberras" - sa mindu kien jaf jikteb ismu.

Id-direttur konvenut oppona għal tali talba billi eċċepixxa li l-istess mhijiex legalment permissibbli u li f'kull każ; ir-reġistrazzjoni effettwata fil-konfront ta' l-attur fuq l-att tat-twelid tiegħu kienet u hija korretta.

[27] Ċertifikat a fol 5.
[28] Ċertifikat a fol 9.

Mill-provi prodotti, jirriżulta li għalkemm l-attur jista' ilu żmien jutilizza bħala kunjomu l-kunjom "Sciberras", tant li saħansitra inħarġulu xi dokumenti fuq l-istess kunjom, inkluż karta tal-identita' u liċenzja tas-sewqan Maltin;[29] id-direttur konvenut huwa korrett f'li jgħid li fir-reġistrazzjoni ta' kunjom l-attur ma' sar ebda żball bl-attur ġie hekk irreġistrat bil-kunjom tal-familja tiegħu "Xiberras".

In sostenn ta dan, id-direttur konvenut għamel referenza għal varji ċertifikati uffiċjali eżebiti mar-risposta ġuramentata tiegħu, ossia: [**i**] ċertifikat tat-twelid ta' missier l-attur, Michele, li jġib in-numru 273/1898 u jnissel il-kunjom ta' missier Michele, Liberato, bħala "Xiberras";[30] [**ii**] ċertifikat taż-żwieġ tal-ġenituri tal-attur, Michele u Victoria, li jġib in-numru 51/1922 u juri l-kunjom tar-raġel, Michele, u ta' missieru, Liberato, bħala "Xiberras",[31] u; [**iii**] ċertifikat tat-twelid tan-nannu patern tal-attur, Liberato, li jġib in-numru 578/1865, u juri kunjom missieru, Andrea, bħala "Xiberras".[32]

Infatti, dan huwa kkonfermat ukoll b'diversi dokumenti eżebiti mill-attur stess, ossia dak tat-twelid tiegħu li jidentifika lill missieru bħala Michele Xiberras,[33] dak taż-żwieġ tiegħu li jidentifikah bħala Wistin Xiberras,[34] u f'formula tat-taqsima tal-proprjeta' tal-Gvern fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi li tidentifikah bħala Augustine Xiberras.[35]

Skond l-insenjament supra ċitat mid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku***, dak li qiegħed jippretendi l-attur odjern ma' jsibx konfort fil-liġi nostrana kif viġenti. Fil-każ ta' l-attur odjern qatt ma kien hemm żball dwar il-kunjom tal-familja tiegħu jew fl-att ta twelid tiegħu. Semmai, jekk sar żball dan sar wara, f'atti ulterjuri li fuqhom jistrih l-attur f'li jsejjes it-talba tiegħu.

Huwa minnu li bħala stat ta' fatt, jirriżulta tassew li mal-milja tas-snin kunjom l-attur inkiteb diversi drabi bħala "Schembri". Jiġi iżda rilevat li tali kunjom m'għandu ebda konnessjoni ma' xi antenat ta' l-attur.

---

29 Ref.: dokumenti a fol 6 u 7.
30 Ċertifikat a fol 26.
31 Ċertifikat a fol 27.
32 Ċertifikat a fol 28.
33 A fol 5.
34 A fol 9.
35 Formula a fol 90 *et seq.* ref.: isem fuq nett fil-paġna a fol 90 u isem isfel nett fil-paġna a fol 97.

F'dan id-dawl, jingħad li fil-fehma tal-Qorti, il-pożizzjoni u l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 253 hija preċiżament kif ġie ritenut fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku***.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li la fir-rikors ġuramentat promotur u anqas fir-rikors sussegwenti li bih żdiedet talba oħra ma' dawk oriġinali atturi[36] ma' saret talba sabiex il-Qorti tordna li sseħħ annotazzjoni fil-marġini tal-atti relattivi minflok korrezzjoni.

Minkejja dan, din il-Qorti tosserva li annotazzjoni fil-marġini ta' att ta' stat ċivili għanda ssir biss f'każijiet eċċezzjonali li verament ikunu jimmeritaw li dak l-att b'xi mod jintmess.

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fl-ismijiet ***John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace v. Direttur tar-Registru Pubbliku***, l-attur kien almenu addotta kunjom ommu – addizzjoni mal-kunjom tal-missier – li l-leġislatur ħaseb għaliha bl-emendi introdotti bl-Att XXI ta' l-1993; ma talabx li jibdel kunjomu għall-ieħor.

Huwa ċertament minnu li l-kunjomijiet bħal "Xiberras" u "Sciberras" jinxtibħu. B'dan iżda li l-mod ta' kif wieħed jikteb tali kunjom mhux talli jirrifletti realta' socio-kulturali fejn temani differenza bejn Għawdex u Malta – kif anke jiġri f'kunjomijiet oħra bħal, per eżempju, "Xerri" u "Scerri" – iżda, fil-każ tal-attur, ċertament tagħmlu parti minn legat ta' familja, dik Xiberras, li kif spjegat *supra* minnha tnissel it-tali kunjom reali tiegħu, fil-mod kif dejjem inkiteb mill-antenati tiegħu. Xi ħaġa li din il-Qorti anqas biss timmaġina li tiddisturba ma' tista'.

Hawnhekk din il-Qorti ma' tistax ma' tirreferix għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar l-14 ta' Frar 1947 fl-ismijiet ***Joseph Cutajar vs Dr. J. Scicluna noe***:

> *... huwa wkoll patrimonju tas-socjeta' d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta', u ghalhekk teoretikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjomi taghha ma joghgobhiex... li*

[36] Rikors a fol 140 u 141.

*taddotta marte proprio dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni tas-socjeta'.*

Il-fatt li l-attur seta' utilizza, anke b'mod kostanti, jekk mhux konsistenti, l-kunjom "Sciberras" ma' jġibx fix-xejn dak kollu suespost.

***Dwar it-talba attriċi għal bdil fl'isem sabiex l-istess jaqra "Augustine" kull fejn dan jirrikorri bħala "Wistin" jew "Austin":***

Issir hawnhekk referenza għall-att tat-twelid tal-attur bin-numru progressiv 654 tal-1945[37] fejn ismu huwa ndubbjament irreġistrat bħala "Augustine". Dan kif rikonoxxut mid-direttur konvenut stess li saħansitra ssolleva l-ħames (5) eċċezzjoni tiegħu proprju dwar il-fatt li kull fejn isem l-attur ma' jirriżultax bħala "Augustine", dan jirrifletti żball.

It-talba għal korrezzjoni kull fejn isem l-attur jirrikorri bħala "Wistin" jew "Austin" fuq kull att ta' stat ċivili tiegħu hija għalhekk ċertament kemm ġustifikata kif ukoll inkwaddrabbli fil-proviżjonijiet tal-Artikolu 253(2) suċċitat stante li l-isem li qed jintalab li jiddaħħal fl-atti ta' stat ċivili opportuni mill-attur huwa dak li l-attur huwa verament irreġistrat bih fuq l-att ta' twelid tiegħu.

Rigward il-possibilita' li tali korrezzjoni tiġi akkumpanjata mill-kliem "magħruf bħala Austin" kif formalment mitlub mill-attur;[38] minkejja li kif diġa' ingħad, f'din l-istanza saru biss talbiet għall-korrezzjonijiet u mhux ukoll talba għaż-żieda ta' annotazzjoni; din il-Qorti tosserva li hija għandha l-obbligu li tevita, fejn hu possibbli, l-proliferazzjoni ta' kawżi u spejjeż bla bżonn għall-partijiet.

Fil-każ in eżami, jirriżulta kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet atturi, li l-attur invoka l-Artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż sabiex l-att tat-twelid tiegħu jiġi korrett. Huwa ċar minn din id-dispożizzjoni u dawk sussegwenti, li din il-Qorti għandha tordna li ssir il-korrezzjoni mitluba fejn din tirriżulta ġustifikata skont il-Liġi.

Fil-każ tal-korrezzjoni mitluba mill-attur f'ismu – Wistin jew Austin vs Augustine – din, kif ingħad, ċertament li tirriżulta ġustifikata. Dwar jekk

---

[37] A fol 5.
[38] Rikors a fol 140 u 141.

l-attur jistax iżid l-isem "Austin" ma' dak "Augustine"; japplikaw imbagħad il-proviżjonijiet ta' l-istess subinċiż tnejn (2) tal-Artikolu 253, kif diġà suċċitat, liema subinċiż irid, *inter alia*, li *kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa.*

Fil-każ odjern, għalkemm il-provi mressqa għal kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti kienu kkonċentrati fuq il-kunjom, stante li t-talbiet oriġinali tal-attur kienu jittrattaw biss talba għal bidla fil-kunjom; din il-Qorti tosserva li diversi dokumenti li nġibu in atti bħala provi mill-attur jidentifikaw fil-fatt lill-attur b'varji verżjonijiet ta' ismu, inkluż "Austin".[39]

Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li l-attur jutilizza għalih inniffsu, konsistentement, l-isem "Austin" u l-membri familjari tiegħu wkoll konsistentement jirreferu għalih bl-isem "Austin". [40]

Ikkunsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex il-Qorti tordna li ssir annotazzjoni f'dan is-sens ma twassalx għan-nullita' jew l-irritwalita' tal-att ġudizzjarju u, fid-dawl tal-ġurisprudenza l-aktar reċenti skond liema l-Qorti għandha, fejn tista', ssewwi żbalji f'atti ġudizzjarji jew timxi per ekwipollenza; huwa evidenti li l-Qorti, meta tilqa' t-talba attriċi fis-sens li tordna korrezzjoni f'isem l-attur minn "Wistin" jew "Austin" għal "Augustine", għandha, kif sejra, tipproċedi sabiex tagħti wkoll ordni lill-konvenut sabiex jagħmel l-annotazzjoni meħtieġa.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-direttur konvenut konformement ma' dak hawn deċiż:

i. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba attriċi;

[39] Ref.: karta tal-identita' Maltija a fol 6, ċertifikat tat-twelid ta' iben l-attur, Michael, a fol 11, *logbook* dwar reġistrazzjoni ta' vettura a fol 32, u KartaAnzjan a fol 89.
[40] Ref.: l-affidavits tal-familjari tal-attur a fol 34, 35, u 36 fejn ulied u l-konjuġi tal-attur jirreferu għalih bħala "sive Austin".

ii. Tiċħad it-tieni (2) talba attriċi;

iii. Tiċħad it-tielet (3) talba attriċi;

iv. Tilqa dik il-parti tar-rimanenti talba attriċi kif mressqa bir-rikors tat-18 ta' Marzu, 2025[41] b'dan li tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) sabiex iwettaq korrezzjoni fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv 125 tas-sena 1972 u dak tat-twelid bin-numru progressiv 173 tas-sena 1977 u f'kull att ta' stat ċivili relattiv għall-attur billi kull fejn isem l-attur jirriżulta bħala "Wistin" jew "Austin" jiġi jaqra "Augustine";

v. Tiċħad ir-rimanenti parti tat-talba attriċi kif mressqa bir-rikors tat-18 ta' Marzu, 2025[42].

Bl-ispejjeż ta din il-kawża jibqgħu a karigu tal-attur.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

[41] Rikors a fol 140 u 141.
[42] Rikors a fol 140 u 141.

Vera Kopja

Għar-Reġistratur